



Brussell, 5 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13864/23

CLIMA 451
ENV 1089
TRANS 402
MI 825
DELECT 151

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 6627 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 5.10.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji biex jiġu definiti l-proċeduri għall-verifika tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO ₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fis-servizz (verifika waqt is-servizz)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 6627 final.

Mehmuż: C(2023) 6627 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.10.2023
C(2023) 6627 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 5.10.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji biex jiġu definiti l-proċeduri għall-verifika tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fis-servizz (verifika waqt is-servizz)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/631 jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

Skont l-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jivverifikaw, abbażi ta' kampjuni ta' vetturi xierqa u rappreżentattivi, li l-valuri tal-emissjonijiet ta' CO₂ u l-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità tal-familji ta' vetturi li għalihom huma responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip jikkorrispondu għall-emissjonijiet ta' CO₂ minn, u l-konsum tal-fjuwil ta', il-vetturi fis-servizz. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jivverifikaw ukoll il-preżenza ta' kwalunkwe strateġija abbord jew b'rabta mal-vetturi fil-kampjun li ttejjeb artifiċjalment ir-rendiment tal-vettura fit-testijiet imwettqa għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip billi, fost l-oħrajn, jużaw *data* mit-tagħmir tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord.

Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat biex tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji għad-definizzjoni tal-proċeduri biex jitwettqu dawn il-verifiki waqt is-servizz.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'Ottubru tal-2021, f'Marzu u Novembru tal-2022 u f'Marzu tal-2023, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri tal-karozzi u l-NGOs ġew ikkonsultati dwar dan l-abbozz tar-Regolament Delegat fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika fir-rigward tas-CO₂ mill-vetturi tat-triq. Il-kummenti sottomessi tqiesu kif xieraq.

Barra minn hekk, il-kummenti tal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat inġabru fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' feedback għal Regolamentazzjoni Aħjar matul il-perjodu ta' bejn it-18 ta' Lulju 2023 u l-15 ta' Awwissu 2023. Waslu sitt kummenti permezz tal-pjattaforma online "Semma' Leħnek"¹. Il-kummenti li waslu permezz tal-portal jew kellhom natura ġenerali jew ma kinux rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att delegat. Għaldaqstant, dawn il-kummenti ma tqisux fil-kuntest tal-abbozz ta' dan l-att delegat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji għad-definizzjoni tal-proċeduri għall-verifika waqt is-servizz tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri u mill-vetturi kummerċjali ħfief.

L-Artikolu 3 jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-familji ta' vetturi li għandhom jintgħażlu għall-verifika waqt is-servizz.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida għat-twettiq ta' testijiet ta' verifika waqt is-servizz. Il-proċeduri tal-ittestjar huma bbażati fuq daww għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament Nru 154 tan-NU, u kkomplementati b'testijiet dedikati biex tiġi identifikata l-preżenza ta' strateġiji artifiċjali.

¹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13583-L-emissjonijiet-tas-CO2-minn-vetturi-%C4%A7fief-prinċipji-u-kriterji-gwida-g-%C4%A7all-verifika-waqt-is-servizz_mt

L-Artikolu 5 jiżgura dokumentazzjoni u rapportar xierqa mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip dwar it-testijiet ta' verifika waqt is-servizz imwettqa u l-konklużjonijiet li jirriżultaw.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-mekkaniżmu għall-finanzjament tal-verifiki waqt is-servizz.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 5.10.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji biex jiġu definiti l-proċeduri għall-verifika tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fis-servizz (verifika waqt is-servizz)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011², u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/631 jipprevedi l-verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fis-servizz ("verifika waqt is-servizz").
- (2) Il-manifatturi kollha tal-vetturi jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-verifika waqt is-servizz, għajr dawk il-manifatturi li jintroduċu fis-suq għadd limitat ta' vetturi, sabiex jiġi evitat piż eċċessiv tal-ittestjar, filwaqt li r-rendiment ġenerali tal-emissjonijiet tas-CO₂ ma jiġix affettwat b'mod sinifikanti.
- (3) Il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità jenħtieġ li jiġu vverifikati bl-użu tal-proċeduri tat-testijiet tat-tagħbija fit-triq u tax-xażi dinamometriku stabbiliti fir-Regolament Nru 154 tan-NU³, iżda sabiex tiġi vverifikata l-preżenza ta' strateġiji li jtejbju artifiċjalment ir-rendiment tal-vettura fit-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip, jenħtieġ li jsiru wkoll testijiet dedikati addizzjonali.
- (4) Sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' kunflitt ta' interessi, it-testijiet ta' verifika waqt is-servizz jenħtieġ li jitwettqu minn servizz tekniku li ma kienx involut fit-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi kkonċernati. It-testijiet tax-xażi dinamometriku jenħtieġ li jitwettqu fil-faċilità tas-servizz tekniku stess u mhux permezz ta' ittestjar fil-preżenza ta' osservatur fil-faċilità ta' xi manifattur.

² ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

³ Ir-Regolament Nru 154 tan-NU - Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika (WLTP) (ĠU L 290, 10.11.2022, p. 1).

- (5) Sabiex l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tkun tista' tasal għal konklużjoni għall-familja sħiħa ta' vetturi kkonċernata, abbażi tar-riżultati tat-testijiet għall-vetturi inklużi fil-kampjun, jenħtieġ li jiġi stabbilit metodu xieraq ta' evalwazzjoni statistika.
- (6) Il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw li l-valuri tal-emissjoni tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità jikkorrispondu għall-emissjonijiet tas-CO₂ u għall-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz li għandhom jiġu vverifikati mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip. Sabiex dawn l-attivitajiet ta' verifika waqt is-servizz jiġu ffinanzjati kif xieraq, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li timponi tariffi proporzjonati fuq il-manifatturi.
- (7) Sabiex jitnaqqsu l-piż u l-kostijiet tal-ittestjar, fejn possibbli u xieraq, l-istess vetturi jew testijiet jenħtieġ li jintużaw kemm għall-verifika waqt is-servizz tal-emissjonijiet tas-CO₂ kif ukoll għall-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet tal-inkwinanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji għad-definizzjoni tal-proċeduri biex jiġi vverifikat li l-valuri tal-emissjoni tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità jikkorrispondu għall-emissjonijiet tas-CO₂ u għall-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz. Jistabbilixxi wkoll il-proċeduri biex tiġi vverifikata l-preżenza ta' kwalunkwe strateġija abbord jew relatata mal-vetturi li ttejjeb artifiċjalment ir-rendiment tal-vettura fit-testijiet imwettqa għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip ("verifika waqt is-servizz").
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal dawn li ġejjin:
 - (a) vetturi eżenti mill-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂;
 - (b) manifatturi li, flimkien mal-impriżi kollha assoċjati magħhom, kienu responsabbli għal inqas minn 1 000 karozza tal-passiġġieri ġdida jew għal inqas minn 1 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida li ġew irreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja sentejn qabel is-sena kalendarja li fiha, f'konformità mal-Artikolu 3(1), jintgħażlu l-familji ta' verifika waqt is-servizz.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/1151⁴ u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/631.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

- (1) “awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip” tfisser l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tat l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2007⁵ jew, fejn applikabbli, f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009⁶;
- (2) it-terminu “familja ta’ verifika waqt is-servizz” ifisser il-vetturi M1 jew N1 kollha, li għalihom awtorità waħda tal-approvazzjoni tat-tip tat l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 abbażi tal-istess test tat-Tip 1 kif stabbilit fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 għal “vehicle high” jew “vehicle low”;
- (3) it-terminu “familja tat-tagħbija fit-triq” ifisser familja tat-tagħbija fit-triq jew familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq kif jiddefinixxu l-paragrafi 6.3.3. u 6.3.4. tar-Regolament Nru 154 tan-NU; fil-każ ta’ vetturi N1 b’approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009, familja tat-tagħbija fit-triq tikkonsisti mill-vetturi kollha tal-familja ta’ verifika waqt is-servizz ikkonċernata;
- (4) it-terminu “strateġiji artifiċjali” ifisser strateġiji abbord jew relatati mal-vetturi inklużi fil-kampjun li jtejbu artifiċjalment ir-rendiment tal-vettura fit-testijiet imwettqa għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 3

Għażla tal-familji ta’ verifika waqt is-servizz

Kull sena, kull awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tagħżel kampjun ta’ familji ta’ verifika waqt is-servizz li għalihom tkun ħarġet approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet. L-għażla għandha tinkludi mill-inqas familja waħda ta’ verifika waqt is-servizz għal kull manifattur li għaliha, fit-3 snin kalendarji ta’ qabel il-verifika waqt is-servizz, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tkun ħarġet approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet.

Artikolu 4

Testijiet ta’ verifika waqt is-servizz

1. Għal kull familja ta’ verifika waqt is-servizz magħżula f’konformità mal-Artikolu 3, għall-fini tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tagħżel vetturi fis-servizz li huma fi stat rappreżentattiv ta’ vettura miżmuma u użata kif suppost u li għandhom karatteristiċi koperti minn dawk irreġistrati fiċ-ċertifikat ta’ konformità.
2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tivverifika li l-valuri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta’ konformità

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta’ vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

tal-vetturi magħżula f'konformità mal-paragrafu 1, jikkorrispondu għall-emissjonijiet tas-CO₂ u għall-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz, u tivverifika wkoll jekk humiex preżenti strateġiji artifiċjali, permezz ta' kwalunkwe wieħed mit-testijiet li ġejjin:

- (a) għal għadd ta' vetturi ddeterminati abbażi ta' metodu ta' evalwazzjoni statistika: testijiet tax-xażi dinamometriku f'konformità mal-Anness B6 u mal-Anness B8 tar-Regolament Nru 154 tan-NU;
 - (b) għal għadd ta' vetturi ddeterminati abbażi ta' metodu ta' evalwazzjoni statistika u li jappartjenu għal familja waħda tat-tagħbija fit-triq: testijiet tat-tagħbija fit-triq f'konformità mal-Anness B4 tar-Regolament Nru 154 tan-NU;
 - (c) għal għadd xieraq ta' vetturi: testijiet dedikata bl-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali jew fiżiċi.
3. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tafda t-testijiet imsemmija fil-paragrafu 2 f'idejn servizz tekniku li ma wettaqx, għall-familja ta' verifika waqt is-servizz ikkonċernata, it-test tat-Tip 1 kif stabbilit fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (KE) Nru 595/2009.
 4. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tevalwa r-risultati tat-testijiet tal-vetturi individwali għall-ittestjar u tistabbilixxi jekk il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz humiex ogħla mill-valuri tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità, filwaqt li tqis l-evalwazzjoni statistika tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a) u (b), u tistabbilixxi wkoll jekk humiex preżenti strateġiji artifiċjali.
 5. Kull manifattur għandu, fuq talba, jipprovdi lill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip u lil kwalunkwe entità li twettaq testijiet ta' verifika waqt is-servizz bl-informazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha jew bl-appoġġ kollu meħtieġ biex il-verifika waqt is-servizz titwettaq b'mod xieraq.

Artikolu 5

Dokumentazzjoni, dmir li tinforma u konklużjoni tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tiżgura li t-testijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 4 jiġu ddokumentati, u li r-rapporti tat-testijiet jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-manifattur tal-vetturi kkonċernati u, fuq talba, għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet oħra tal-approvazzjoni tat-tip, ta' awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u ta' partijiet terzi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/163⁷.
2. Fi żmien 10 xhur wara li tibda test, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tasal għal konklużjoni dwar jekk il-verifika waqt is-servizz identifikatx nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz u l-valuri rreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità, jew dwar jekk humiex preżenti strateġiji artifiċjali.

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/163 tas-7 ta' Frar 2022 li jistabbilixxi r-regoli dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti funzjonali għas-sorveljanza tas-suq ta' vetturi, ta' sistemi, ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati (ĠU L 27, 8.2.2022, p. 1).

3. F'konformità mal-paragrafu 2, għandha tapplika konklużjoni tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi kollha tal-familja ta' verifika waqt is-servizz ikkonċernata jew, meta bbażata fuq ir-riżultati tat-test tat-tagħbija fit-triq, għall-vetturi kollha tal-familja tat-tagħbija fit-triq ikkonċernata li jkunu daħlu fis-servizz għall-ewwel darba fl-Unjoni.

Artikolu 6

Finanzjament tal-verifika waqt is-servizz

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli biex ikopru l-kostijiet tal-verifika waqt is-servizz. Dawk il-kostijiet għandhom jiġu rkuprati minn tariffi li jistgħu jiġu imposti fuq il-manifattur mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip. It-tariffi għandhom ikopru l-istadji tal-verifika waqt is-servizz meħtieġa sabiex l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tasal għal konklużjoni kif imsemmi fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.10.2023

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN